MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 303/2012

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')
vs
**Paolino Carbonaro**

iben Carmelo, imwieled Valletta fis-17 ta' April, 1939, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 314639(M)
u
**Carmel Carbonaro**
iben Paul, imwieled Sliema fit-9 ta' Jannar, 1966, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 23866(M)
**Omissis**
**Omissis**

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Paolino Carbonaro u Carmel Carbonaro quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-konfront ta' Paolino Carbonaro waħdu billi fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT:

fl-20 ta’ Settembru 2004 wara intervent u tfitxxija li saret mill-Uffiċjali tal-Pulizija fil-ħanut QEII ġewwa l-Belt, liema ħanut hu mmexxi minnu, nstab li f’dik il-ġurnata jew fix-xhur ta’ qabel, xjentement kellu fil-pussess tiegħu u/jew taħt il-kontroll tiegħu u/jew deposotati għandu kwantita’ ta’ sigaretti u xorb alkoholiku fil-kwantita’ kif hawn taħt:

| ***Oġġetti*** | ***Valur*** | ***Dazju tas-Sisa*** | ***Dazju ta’ Import*** | ***VAT*** |
|---|---|---|---|---|
| 20 pakkett Rothmans Blue (x20) | Lm 17.00 | Lm18.10 | Lm9.79c2 | Lm8.08 |
| 250 pakkett Benson & Hedges | Lm212.50 | Lm226.25 | Lm116.06c4 | Lm99.86c6 |
| 30 pakkett Rothmans Red | Lm25.50 | Lm27.15 | Lm14.68c8 | Lm12.12 |
| 40 pakkett Silk Cut | Lm34.00 | Lm36.20 | Lm19.58c4 | Lm16.16c1 |
| 17-il flixkun Bells x1 Ltr | Lm119.00 | Lm68.00 | | Lm33.66c |
| 3 fliexken Bacardi Rum x 1 Ltr | Lm21.00 | Lm12.00 | | Lm5.94c |
| Flixkun Southern Comfort x1 Ltr | Lm7.00 | Lm3.75 | | Lm1.94c |
| 4 fliexken Johnnie Walker Red x 0.7 Ltr | Lm20.00 | Lm11.20 | | Lm5.61c |
| 2 fliexken Smirnoff Vodka x0.7 Ltr | Lm10.00 | Lm5.25 | | Lm2.75c |
| Flixkun Amaretto Disoronno x0.7 Ltr | Lm5.00 | Lm1.96 | | Lm1.25c3 |
| **TOTALI** | **Lm471.00c** | **Lm409.86c** | **Lm160.12c8** | **Lm187.38c** |

2. Fil-konfront ta' Carmel Carbonaro, Floyd Carbonaro u Carmel Bone billi fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT:

- fl-20 ta' Settembru 2004, wara intervent u tfittxija mill-Uffiċjali tal-Pulizija, f'garaxx f'106 Triq il-Lvanat il-Belt Valletta, nstab li f'dik il-ġurnata u/jew fix-xhur ta' qabel, it-tlieta flimkien, bil-kompliċita' u l-koperazzjoni ta' xulxin, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċju għalihom u/jew għal ħaddieħor, kontra l-liġi bil-ħsieb illi b'qerq seta' jinħarab milli jitħallas id-dazju u/jew xi xorta ta' taxxa oħra dovuta, għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, xjentement, b'xi mod għenu persuna jew persuni oħra fil-ġarr, twarrib, depost jew ħabi ta' sigaretti u xorb alkoholiku bla dazju fi kwantita' li tidher hawn fuq.

Dan ix-xorb alkoholoku u s-sigaretti li l-importazzjoni u l-pussess tagħhom huma projbiti u/jew ristretti u/jew limitati, għandhom valur totalita' Lm471, Dazju ta' Importazzjoni Lm160,12c8, Dazju tas-Sisa Lm409.86c u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) Lm187.38, liema dazju ta' importazzjoni, dazju u sisa u VAT ma ġewx imħallsa u jew kawtelati.
Dan bi ksur ta':
l-artikoli 60(a)(b)(c)(k); 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(j) u il-paragrafu (a) tal-Proviso tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta;
l-artikoli 16(l)(j) u 17(a) tal-Att XVI dwar Dazju tas-Sisa;
l-artikolu 80 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att nru. XXIII tal-1998).

3. Fil-konfront ta' Carmel Carbonaro waħdu talli b'hekk sar reċidiv a terminu tal-Artikolu 49 et seq. tal-Kodiċi Kriminali b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati datata 4 ta' Novembru 1999, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Mejju, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-akkużi miġjuba kontra l-akkużati, rat il-leġislazzjoni applikabbli u ċioe' dik tal-2004 (minħabba illi l-piena l-aktar vantaġġuża għall-imputati hija dik skont il-leġislazzjoni viġenti fi żmien meta

ġie kommess ir-reat u ċioe' dik tal-2004), rat l-artikoli applikabbli (artikolu 60(c)(K), 62(a)(f)(g)(h)(i)(k), proviso (a) tal-Kapitolu 37, l-artikolu 16(1)(j), 17(a) tal-Kapitolu 382 u l-artikolu 80 tal-Kapitolu 406 u l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 fil-konfront ta' Floyd Carbonaro minħabba li kien minorenni meta ġie kommesss ir-reat, illiberat lil Carmel Bone minn kull ħtija u piena, sabet ħtija fl-imputati l-oħra u konsegwentament ikkundannat lill-Paolino Carbonaro u Carmel Carbonaro multa komplessiva ta' elfejn euro kull wieħed li minnhom is-somma ta' tlett mija tlieta u sebgħin euro hi pagabbli lill-Kontrollur tad-Dwana bħala dejn ċivili oltre li kkundanathom ukoll sitt xhur priġunerija sospiżi għal sena. Lil Floyd Carbonaro ikkundannatu għal ammenda komplessiva ta' mitt euro u priġunerija ta' xahar sospiż għal sena. Illi l-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-oġġetti maqbuda.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-14 ta' Gunju, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghogobha sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi:

1) tikkonfermaha in kwantu tikkonċerna lil Carmel Bone u Floyd Carbonaro;

2) tikkonfermaha fejn sabet lill-appellati Paolino Carbonaro u Carmel Carbonaro ħatja; u

3) tbiddilha fil-parti tal-piena fil-konfront tal-istess appellati Paulino Carbonaro u Carmel Carbonaro billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellati sitt xhur priġunerija sospiżi għal sena, tħassaraha u tirrevokaha limitatament għal dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellati multa ta' 2000 euro u minflok timponi multa f'ammont skont il-liġi

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fil-1 ta' Ġunju 2012 l-esponent irċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu illi il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali erogat piena illi fil-kwantità tagħha hija differenti minn dik preskritta bil-liġi għar-reat li dwaru l-partijiet misjuba ħatja ngħataw sentenza dwaru.

Illi l-esponent Avukat Ġenerali qiegħed jntavola dan l-appell a bazi ta` dak li jipprovdi l-artikolu 413(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 88 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-aggravju tal-esponent huwa ċar u manifest u jikkonsisti fil-fatt li l-Ewwel Qorti erogat piena illi hija differenti minn dik preskritta bil-liġi, u dana stante li l-Ewwel Qorti ikkomputat b'mod żbaljat il-multi mposti fuq l-appellati PaolinoCarbonaro u Carmel Carbonaro.

Illi kif stabbiliet l-Ewwel Qorti stess, fis-sentenza fuq imsemmija, il-liġi li ntużat sabiex waslet għall-piena l-aktar vantaġġuża kienet dik tal-2004. Illi minn ħarsa lejn **l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta kif kien jaqra fl-2004**, wieħed jara illi meta wieħed jikser id-dispożizzjonijiet tal-istess artikolu dan għandu meta jinstab ħati **<u>jeħel multa li tkun daqs it-total meta jingħaddu flimkien l-ammont ta' dazju pagabbli fuq l-oġġetti u d-doppju tal-valur tal-oġġetti</u>**. Illi minn dan joħroġ biċ-ċar illi l-multa li imponiet l-Ewwel Onorabbli Qorti fuq l-appellati hija baxxa wisq u ma tirriflettix il-komputazzjoni kif ikkontemplata fl-imsemmi artikolu.

Illi huwa minnu wkoll illi sa ż-żmien imsemmi u ċioe' is-sena 2004, il-liġi tagħna ma kinitx tagħti definizzjoni tal-kelma 'dazju' u għalkemm illum 'dazju' tfisser "***kull dazju li jitħallas lill-Kummissarju tat-Taxxi fuq oġġetti importati u tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju ta' esportazzjoni, dazju fuq il-biedja, dazju kontra dumping, dazju ta' kumpens u dazju tas-sisa"***[1] din id-definizzjoni daħlet fis-seħħ fl-2007.

Minkejja dan, anke jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-komputazzjoni tagħha inkludiet biss id-dazju ta' importazzjoni, il-multa kellha tammonta għall-elfejn ħames mija sitta u sittin euro u disa' ċenteżmi (€2566.9). Dan juri illi anke jekk fil-komputazzjoni ma ttedħidx in

[1] Artikolu 2 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta

konsiderazzjoni d-dazju tas-sisa, l-ammont li waslet għalih l-Ewwel Qorti (elfejn euro) huwa manifestament żbaljat.

Di piu', jidher illi l-multa taħt l-artikolu 16(1)(j) ma ġietx ikkontemplata fis-sentenza odjerna. Skont il-liġi in vigore fl-2004, l-artikolu 16 tal-Kapitolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta kien jaqra s-segwenti:

***16 (1) "Kull min –***
***(j) ikun b'xi mod xjentement involut f'xi evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni tad-dazju li għandu jinġabar bis-saħħa ta' dan l-att;***

***ikun ħati ta' reat u għandu għal kull reat bħal dak jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux aktar minn ħamest elef lira."***

Illi għaldaqstant oltre l-multa li toħroġ mill-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti kellha timponi wkoll multa ta' mhux aktar minn ħamest elef Lira Maltija taħt l-artikolu 16(1)(j) li *del resto* instabet ħtija fuqu.

Illi għaldaqstant u minn dak aktar 'il fuq spjegat jidher ċar illi l-multa mposta mhijiex fl-ammont ġust u skont kif preskritt fil-liġijiet konċernati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell li ressaq l-Avukat Generali appellant biex din il-Qorti tikkundanna lill-appellati Paolino Carbonaro u Carmel Carbonaro ghal hlas ta' multa skont il-ligi. Dan qed jinghad ghaliex l-Avukat Generali hu tal-fehma li l-multa erogata ma kinitx skont il-ligi ghaliex kienet baxxa.

Min-naha l-ohra, fil-fehma tal-appellati l-multa erogata kienet skont il-ligi billi l-ewwel Qorti hadet in kosiderazzjoni l-elementi kollha u haddnet il-principju li kien hemm dubju dwar ix-xorb alkoholiku.

Illi din il-Qorti ilha tishaq li f'kawzi sommarja, specjalment bhal din mhux ix-xhieda kollha tigi traskritta u ghalhekk ma jkollhiex il-benficcju li tkun qed tisma kollox. F'dan il-kaz sar accenn ghal fatt li kien hemm xi problemi dwar ix-xorb. Mix-xhieda li qrat din il-Qorti ma rrizulta xejn in atti li javallaw tali tezi.

Illi jonqos li tigi analizzata l-matematika tal-multa. Korrettament l-ewwel Qorti applikat il-principji li kienu vigenti fil-perjodu li beda dan il-kaz. Is-sena kienet is-sena elfejn u erbgha (2004) u dak iz-zmien il-ligi tad-dwana kienet tghid li f'dawn il-kazijiet il-valur tal-multa kien id-doppju tal-valur mizjud mad-dazju. Kif hemm indikat fl-appell, l-Avukat Generali spjega li f'dik il-legislazzjoni partikolari ma kienx hemm id-definizzjoni tal-kelma 'dazju'. Ghalhekk, f'dan il-kuntest ghandha tittiehed l-ahjar ipotezi favur l-appellati. Minbarra dan, skkont l-Avukat Generali l-ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-ksur tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta fl-erogazzjoni tal-multa nflitta.

Illi meta ssir il-matematika dwar il-komputazzjoni tal-multa jirrizulta li bil-principju tat-'twice value plus duty' tasal ghac-cifra ta' elfejn hames mija u sitta u sittin (€2,566). Dan ifisser li l-ammont minimu li kellu jigi erogat hu dan indikat.

Illi jidher car li l-ewwel Qorti ma erogat ebda multa ghal ksur tal-Kapitolu 382 tal-Ligijiet ta' Malta. Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz tenut kont tad-diskrezzjoni li ghandha l-Qorti fl-erogazzjoni tal-multa taht dan il-Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tat-trapass taz-zmien din il-Qorti ser tinfliggi multa ta' tlett mitt euro (€300).
Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi tikkonferma s-sentenza fil-konfront ta' Floyd Carbonaro u Carmel Bone.
Tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellati Paolino Carbonaro u Carmel Carbonaro hatja tal-akkuzi

migjuba kontra taghhom fejn gew ikkundannati ghal piena ta’ sitt xhur prigunerija sospizi ghal sena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata ghal dik il-parti fejn l-appellati gew ikkundannati li jhallsu multa ta’ elfejn euro (€2,000) u minflok timponi lill-appellati li jhallsu multa ta’ elfejn tmien mija u sitta u sittin euro (€2,866). Fl-ahhar nett, il-Qorti tordna li terz ta’ din il-multa ghandu jithallas lill-Gvern ta’ Malta bhala dejn civili.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------